MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2007

Numru 1170/2006

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)

vs

Brian Keith Micallef

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Brian Keith Micallef detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 182490(M), akkuzat talli:

Nhar it-18 ta’ Settembru 2005, ghal habta ta’ nofsinhar, fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jimbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Nhar l-4 ta’ Novembru 2006, ghall-habta tas-siegha u hamsa u ghoxrin minuta ta’ wara nofsinhar, fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li setghu jimbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Sar recediv permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni baqa’ jippersisti fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien biex jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Tiddeciedi wara li rat l-Artikolu 110(2) tal-Kap 9 li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta’ sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------